# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 1096/2008 SM**

**Annalise Brignone**
**(Karta ta' l-identita` numru 2086 M)**

**vs.**

**Nazzareno Dimech**
**(Karta ta' l-identita` numru 145887 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-31 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi fiz-19 ta' Novembru, 2006, waqt li l-intimat kien qed isuq il-vettura tieghu Daewoo Racer numru BAA – 801 fi Triq Sant' Andrija, Paceville, kkawza incident u kkaguna danni personali u dizabilita` permanenti fuq ir-rikorrenti;

1.2. Illi dan kollu kien rizultat tan-negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-intimat;

1.3. Illi *nonostante* li interpellat biex ihallas id-danni kkagunati, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.4. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti beix l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident li sehh fiz-19 ta' Novembru, 2006, fi Triq Sant' Andrija, Paceville, waqt li dan kien qed isuq il-vettura tieghu *Daewoo Racer* numru BAA – 801;

1.4.2. Tiddikjara li rizultat ta' l-istess ir-rikorrenti sofriet dizabilita` permanenti u danni ingenti;

1.4.3. Tillikwida d-danni sofferti u li ser issofri r-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.4.4. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta' Novembru, 2008, li permezz tieghu tghat dawk l-ordnijiet proceduralì meqjusa essenzjali, (ara foll 15);

3. Rat ir-risposta datata l-25 ta' Novembru, 2008, li permezz taghha l-intimat sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

3.2. Illi l-incident sar unikament tort tar-rikorrenti u ohrajn;

3.3. Illi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li m'hemmx danni x'jigu likwidati;

3.4. Illi r-rikorrenti ghandha tipprova d-danni li sofriet in konnessjoni ma' l-incident;

3.5. Illi r-raba` talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-15 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu nnominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 23);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess, innominat espert ortopediku hemm indikat, (ara foll 62 u 64);

6. Rat ir-relazzjoni guramentata ta' l-istess espert tekniku indikat fil-paragrafu precedenti datata z-17 ta' Jannar, 2012, u mahlufa fil-21 ta' Frar, 2012, (ara foll 71);

7. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit termini hemm indikati, (ara foll 135) u kif sussegwentement estizi, (ara foll 135 u 146);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat l-15 ta' Gunju, 2015, (ara foll 139);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi minn ezami ta' l-istess, il-fatti rizultanti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi waqt li fiz-19 ta' Novembru, 2006, flimkien m'ohrajn hbieb taghha, ir-rikorrenti kienet diehla bil-mixi fil-parkegg li hemm f'*Pender Place*, Triq San Andrija, Paceville, giet vettura tal-marka Daewoo Racer bin-

numru BAA – 801 misjuga mill-intimat b’velocita` qawwija, u laghqtet lir-rikorrenti f’saqajha, (ara foll 30, 38, 7, 51 u 93);

11.2. Illi l-post fejn sehh l-incident kien transennat b’koni appoziti tat-traffiku li effettivament kienu qed jindikaw li ma kienux qed jippermettu vetturi jidhlu fil-parkegg proprju minn dik iz-zona partikolari, (ara foll 30);

11.3. Illi l-hbieb tar-rikorrenti hadu lill-istess immedjatament l-isptar, (ara foll 30);

11.4. Illi l-intimat li kien qed isuq il-vettura inkriminanti ma’ waqafx jaghti l-ghajnuna tieghu lis-sinistrata, (ara foll 30 u 41);

11.5. Illi l-isptar ir-rikorrenti giet ezaminata, kkurata u mizmuma ghal hamest (5) ijiem, (ara foll 4);

11.6. Illi ghalkemm minhabba li l-frattura riskontrata kkawzat lis-sieq biex tintefah, sussegwentement l-istess sieq kienet ingessata minn taht l-irkoppa, u damet hekk ghal tmin (8) gimghat, (ara foll 4);

11.7. Illi l-ingessatura tnehhiet f’Jannar , 2007, u sussegwentement ir-rikorrenti kellha wkoll tghaddi mill-fizjoterapija rikonstruttiva necessarja, (ara foll 4 u 73);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi skont l-ortopediku ta’ l-isptar jirrizulta s-segwenti:

12.1. Illi l-frattura subita mir-rikorrenti ma inghaqditx kif dovut, (ara foll 4);

12.2. Illi kienet esplorata l-possibilita` t’operazzjoni fir-rigward, (ara foll 4);

12.3. Illi minhabba l-incident ir-rikorrenti baqghet issofri ugiegh ma jaqta` xejn f’saqajha l-leminija;

12.4. Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti: (ara foll 5)

12.4.1. Ma tistax toqghod bilwieqfa ghal perjodi twal;

12.4.2. Ma tistax tilbes takkuna;

12.4.3. Saqajha tibqa` minfuha;

12.4.4. Saqajha xi kultant tfaqqa u tikkawzala ugiegh;

12.4.5. Illi gie riskontrat li l-muskolu kkoncernat qieghed jiddeterjora;

12.4.6. Illi giet ukoll riskontrata bocca u nefha iebsa permanenti, wiesgha 1.5. cm;

12.4.7. Illi l-muskolu tas-sieq kien sensittiv;

12.4.8. Illi rizultat ta' l-incident *de quo* r-rikorrenti bdiet izzappap ftit;

12.4.9. Illi r-rikorrenti tilfet terz (1/3) tal-movimenti ta' l-ghaksa;

12.4.10. Illi sofriet dizabilita` permanenti ta' 5%;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi skont l-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi rizultat ta' l-incident in dizamina r-rikorrenti nkisritilha l-*"cuboid bone"* (ara foll 73);

13.2. Illi wara li kienet rikoverata l-isptar, kkurata u riabilitata, r-rikorrenti regghet irritornat ghax-xoghol fid-9 ta' Gunju, 2008, (ara foll 73);

13.3. Illi precedentement, minhabba l-incident *de quo*, r-rikorrenti kellha x-xoghol terminat fil-21 ta' Dicembru, 2006;

13.4. Illi l-bocca u n-nefha riskontrata wara l-incident baqghet f'saqajn ir-rikorrenti, (ara foll 73);

13.5. Illi r-rikorrenti ghadha zzappap, (ara foll 73);

13.6. Illi r-rikorrenti giet limitata fil-movimenti taghha, (ara foll 75);

13.7. Illi sofriet dizabilita` permanenti ta' 2%, (ara foll 75);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-intimat isostni li lanqas biss ra lir-rikorrenti meta sehh l-incident, (ara foll 79);

15. Illi *di piu`*, jirrizulta li meta l-intimat dahal fil-parkegg *de quo* hu saq f'parti li kienet transennata b'koni appoziti biex it-traffiku ma jghaddiex mill-area in kwistjoni, (ara foll 30);

16. Illi *nonostante* l-imsemmija sinjali stradali, l-intimat ghazel li jinjorhom u ghazel ukoll li jinjora l-limiti tal-velocita` billi jsuq b'velocita` mhux indikata ghall-post *de quo*, (ara foll 30 u 41);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi konsegwenza tas-suespost ghandu jkun pacifiku li tenut kont:

17.1. tal-velocita riskontrata;

17.2. tas-sewqan f'direzzjoni mhux koncessa lill-konducent intimat;

ir-responsabbilita` ghall-akkadut taqa` kompletament fuq l-intimat;

18. Illi ghalhekk jirrizulta li fil-mument ta' l-incident l-intimat kien qed isuq b'negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

19. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li ghal dawn ir-ragunijiet l-intimat hu responsabbli ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-incident in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi l-ewwel dover kurjali hu li jigi qabel xejn stabbilit il-persentagg tad-dizabilita` riskontrata, (ara **Prim' Awla tal-Qorti Civili Stanton vs. Schembri & Sons Ltd., tas-16 ta' Dicembru, 2013)**;

20.2. Illi f'dan ir-rigward jinghad immedjatament li tenut kont li r-relazzjoni medika ta' l-espert tekniku mibki nominat mill-qorti hi aktar ricenti u aggornata, din il-qorti tiddikjara li qed tistrieh fuqha u taghmilha taghha;

20.3. Illi konsegwentement id-dizabilita` permanenti li qed tigi kkonsidrata ghall-fini in dizamina hi dik stabbilita mill-istess espert tekniku nominat, senjatament fl-ammont ta' 2%;

Ikkunsidrat:

21. Illi jirrizulta li fil-mument ta' l-incident ir-rikorrenti kien ghad kellha biss ghoxrin sena, (ara numru tal-karta ta' l-identita` tar-rikorrenti a foll 1);

22. Illi ghalhekk, ghall-fini tal-*"multiplier"*, fic-cirkostanzi in dizamina ghandu jigi applikat *"multiplier"* ta' 37;

23.0. Illi rigward il-paga percepita mill-intimata jinghad sintetikament li mill-FS3 *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi l-paga media tar-rikorrenti hi ta' €10,408.35;

23.2. Illi din il-paga hi rifless fl-ahhar FS3 ipprezentat wara l-incident *de quo,* (ara foll 60);

23.3. Illi fir-rigward ukoll qed jigi dikjarat u qed tittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-varjazzjoni relattiva naxxenti mill-gholi tal-hajja ammontanti ghal €303.78 fis-sena kif suggerit mill-istess abbli raprezentant legali tar-rikorrenti, (ara foll 144);

23.4. Illi qed jigi dikjarat ukoll li inkluz fid-danni hemm ukoll il-perjodu li fih l-istess rikorrenti damet minghajr impjieg rizultat ta' l-istess incident, u dan, ekwivalenti ghal €5,578.65;

23.5. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili tiddikjara li qed taqbel mal-metidologija uzata mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fir-rigward (ara foll 145), u konsegwentement tistabbilixxi l-ammont globali ta' danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tlettax il-elf, mitejn u tmenin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€13,280.83);

Ikkunsidrat:

24.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u ghalhekk:

**DECIDE:**

24.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta' l-intimat;

24.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti, u konsegwentement:

24.2.1. Tiddikjara lill-intimat Nazzareno Dimech hu unikament responsabbli ghall-incident li sehh fiz-19 ta' Novembru, 2006 , fi Triq Sant' Andrija, Paceville, waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu *Daewoo Racer* numru BAA – 801;

24.2.2. Tiddikjara li rizultat ta' l-istess incident ir-rikorrenti Annalise Brignone sofriet dizabilita` permanenti u danni ingenti;

24.2.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tlettax il-elf, mitejn u tmenin Ewro u tlieta u tmenin centezmu, (€13,280.83);

24.2.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-fuq imsemmi intimat.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**